MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1407/1992/1

**Umberto Angelone**

**Vs**

**Charles Vella u b'verbal tal-5 ta' Novembru 1993, il-Qorti ordnat il-kjamat fil-kawza ta' Joseph Vella**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenut hu debitur ta' l-attur fis-somma ta' disa' mitt lira (Lm900) ghal xoghol ta' kisi, tibjid u tqeghid ta' madum u xoghol fis-soffitti maghmul mill-attur f'interess u fuq inkarigu tal-konvenut;

Premess illi l-konvenut naqas milli jhallas dan l-ammont nonostante interpellazzjoni ufficcjali tad-29 ta' Settembru 1992;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex in vista tal-premess:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma fuq imsemmija ta' disa' mitt lira (Lm900) ghal xoghol ta' kisi, tibjid u tqeghid ta' madum u xoghol fis-soffitti kif fuq intqal, xoghol li sar mill-attur fuq inkarigu u interess tal-konvenut;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja ta' l-10 ta' Gunju 1992, ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Settembru 1992 u bl-imghaxijiet legali;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

Illi preliminarjament il-konvenut ma kellu ebda relazzjoni guridika ma' l-attur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ix-xoghol li kellu jsir fil-fond tal-genituri ta' l-attur ma tlestix kollu u dan stante li l-attur qabad u ttermina l-kuntratt ta' *locatio operis* minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi l-attur thallas tax-xoghol maghmul minnu u ghalhekk it-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez (Dok. A);

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tal-5 ta’ Novembru fejn il-Qorti laqghet it-talba ta’ l-attur ghall-kjamata fil-kawza ta’ Joseph Vella;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta’ l-imsemmi kjamat in kawza Joseph Vella li permezz taghha huwa eccepixxa:-

Illi, ix-xoghol li kellu jsir fil-fond tal-genituri ta' l-attur ma tlestiex kollu u dan stante li l-attur qabad u ttermina l-kuntratt ta' *locatio operis* minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi l-attur thallas tax-xoghol maghmul minnu u ghalhekk it-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda;

Bl-ispejjez;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess kjamat in kawza u l-lista tax-xhieda minnu ndikati;

Rat id-digriet tat-22 ta’ April 1994 li permezz tieghu gie nominat bhala perit tekniku l-AIC Rene` Buttigieg biex jaccedi fuq il-post u jistma l-valur tax-xoghol meritu tal-kawza, u kellu jisma l-kontendenti biss dwar l-allegata kontribuzzjoni tal-konvenut fix-xoghol;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmi perit tekniku li tinsab a fol. 41 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-22 ta’ April 1997;

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet maghmula fl-udjenza tas-16 ta’ Novembru 1999;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

F'din il-kawza l-attur qed jippretendi li ghad baqalu jircievi bilanc ta' hlas ghall-appalt konsistenti fi tqeghid ta' madum, xoghol ta' kisi u tibjid u xoghol iehor konness mas-soffitti lilu kommissjonati mill-konvenut;

L-attur jghid li dan il-bilanc jittotalizza disa' mitt lira (Lm900), ghalkemm jistqarr li hu ma kienx ghamel il-kont preciz kemm kellu jiehu. L-assunzjoni tieghu li din kellha tkun is-somma kienet bazata merament fuq kalkolu tieghu li, "*ex concessis*", kien "pjuttost approssimattiv". Zied jaggungi li kieku kellu jaghmel b'mod preciz l-ammont li kien ikun intitolat ghalih kien ikun aktar gholi (Seduta 4 ta' Marzu 1994, fol. 33);

Mill-provi kaptati mill-atti processwali jidher li l-appalt kien jikkonsisti f'zewg fazijiet:-

I. Xoghol konsistenti f'bini ta' hitan tal-bricks, struttura ta' l-injam u t-tqeghid tal-madum jew mattonelle. Ara xhieda ta' l-attur fis-seduti tal-5 ta' Novembru 1993 u t-30 ta' Mejju 1995. Dejjem skond l-attur il-prezz akkordat dwar din il-bicca xoghol kien ta' hames mija u hamsin lira (Lm550). Ghat-terminazzjoni taghha huwa jghid li mpjega tliet (3) gimghat (fol. 32);

II. Xoghol iehor kien jikkomprendi kisi ta' soqfa fil-verandah, kisi ta' saqaf hdejn is-swimming pool, kisi ta' pilastru hdax-il filata gholi, kisi ta' hajt seba' filati gholi, bini ta' hajt, ilqugh ghat-tarag u kisi, bini ta' erba' turgien u pjan. Skond il-versjoni ta' l-attur huwa hadem fuq din il-fazi tax-xoghol bir-rata ta' ghoxrin lira (Lm20) kuljum (fol. 22). Xoghol dan li skond l-attur hadlu tmien (8) gimghat biex lestieh (fol. 32);

Il-konvenut u l-kjamat in kawza missieru jaccettaw li l-attur ghamel ix-xoghol fuq dettaljat, pero` imbaghad il-versjoni taghhom tikkuntrasta ma' dik ta' l-attur in kwantu jaffermaw illi x-xoghol ma kienx kompletat kollu u dippju l-prezz tax-xoghol kollu pattwit kellu jkun ta' hames mija u

hamsin lira (Lm550), tnaqqas minnu l-valur tal-lavorazzjoni li ta l-istess konvenut. Din il-versjoni hi korroborata ukoll mid-deposizzjoni ta' Gaetana Vella, omm il-konvenut (Seduta, 22 ta' April 1994);

Il-perit tekniku nominat mill-Qorti ma jikkondividix l-posizzjoni tal-konvenut u tal-kjamat in kawza. Huwa jopina li mill-kalkoli li ghamel u mill-kostatazzjonijiet li rrizultawlu s-somma ta' hames mija u hamsin lira (Lm550) kellha tkopri limitatament il-*mano d'opera* riferibbilment ghall-ewwel fazi ta' l-appalt fuq dettaljata u li x-xoghol l-iehor jew il-"kumplament", kif isejjahlu l-attur, ma kienx kopert minn din is-somma;

Fl-istess waqt pero` il-perit relatur ma jonqosx milli sorprendentement jirrileva illi dan ix-xoghol l-iehor ma kellux jiehu ghall-ezekuzzjoni tieghu z-zmien ta' tmien gimghat kalkolat mill-attur, meta fil-paragun max-xoghol l-iehor, l-entita` tieghu kienet zghira hafna. Lanqas ma jidher li accetta l-pretiza ta' l-attur tar-rata ta' ghoxrin lira (Lm20) kuljum tant li l-istima li wasal ghaliha, skond ir-rati ghal xoghol bhal dan applikabbli fl-1991 kellu jkun ta' mija u hamsa u ghoxrin lira u hamsin centezmu (Lm125.50);

Jigi osservat illi din il-konkluzjoni peritali fir-rigward tal-valur ta' dan ix-xoghol addizzjonali ma gietx kombattuta mill-attur permezz ta' talba ghal periti perizjuri jew permezz ta' eskussjoni ta' l-istess perit. Huwa difatti illimita ruhu permezz tat-trattazzjoni biex jappella lill-Qorti tikkonsidra l-entita` tax-xoghol u l-perikolu nvolut fl-ezekuzzjoni tieghu;

Gja drabi ohra l-Qrati taghna kienu rravizaw illi l-Qorti ma tistax leggerment tiskarta l-opinjoni tat-tekniku meta l-konkluzjoni tieghu ma tkunx, ex Artikolu 681, Kapitolu 12, kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. Dan ghaliex il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami. Ara "**Philip Grima -vs- Carmelo Mamo et nomine**", Appell, 29 ta' Mejju 1998 u

"**Joseph Calleja nomine -vs- John Mifsud**", Appell, 19 ta' Novembru 2001;

Fil-kaz ma ngiebet l-ebda raguni rafforzanti bizzejjed biex jista' jinghad illi l-konkluzjoni peritali hi fir-rigward irragjonevoli ("**Giswarda Bugeja et -vs- Emmanuele Muscat et**", Appell, 23 ta' Gunju 1967) jew dovuta ghal zball sostanzjali u gravi tali li, jekk tithalla kif inhi, twassal ghall-ingustizzja ("**Carlo Vella -vs- George Xuereb**", Appell Kummercjali, 22 ta' Marzu 1973);

Fejn din il-Qorti thoss li ma ghandhiex issegwi d-deduzzjoni tal-perit tekniku jirrigwarda l-likwidazzjoni *arbitrio boni viri* ta' l-operat u assistenza fornita mill-konvenut. Hidma din li hi wkoll accettata mill-attur li saret (fol. 21 u fol. 33);

Jinghad mill-konvenut f'Dok. CSH1 illi hu hadem spalla ma' spalla ma' l-attur u taht id-direzzjoni tieghu. Dan apparti l-fatt li kellu jissokta bix-xoghlijiet wara li telaq l-attur;

Il-Qorti thoss li konsiderat l-entita` tax-xoghol u l-valur kollu tieghu, kif apprezzat mill-perit tekniku, lill-konvenut ghandha tattribwilu valur ta' *mano d'opera* korrispondenti ghall-kwart (1/4) tal-valur ta' l-appalt kollu, ossija mija u tmienja u sittin lira (Lm168). Dan qed taghmlu *ex aequo et bono* fl-ambitu tar-rizultanzi processwali;

Is-somma globali ghall-appalt giet iffissata mill-perit tekniku ghal sitt mija hamsa u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm675.50) ghall-*mano d'opera* biss. Dan gjaladarba *ex concessis* mill-attur il-materjal nxtara kollu mill-konvenut jew mill-kjamat fil-kawza. Minn dan l-ammont l-perit gudizzjarju ghamel riduzzjoni ta' hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45) ghal xoghol mhux kompletat mill-attur, kif ukoll naqqas l-ammonta ta' sittin lira (Lm60) stima tal-*mano d'opera* tal-konvenut, u li issa qed jigi awmentat ghal mija tmienja u sittin lira (Lm168). Dan jaghti bilanc ta' erba' mija tnejn u sittin lira u hamsin centezmu (Lm462.50);

Gjaladarba l-attur rceva fil-kors tax-xoghlijiet is-somma ta' erba mija hamsa u sebghin lira (Lm475) jigi li l-konvenut, u dan jghodd ukoll, ghall-kjamat in kawza, ma ghandhom l-ebda hlasijiet ohra x'javversawlu.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenut (fol. 13) u t-tieni eccezzjoni ta' l-imsejjah fil-kawza (fol. 28) fis-sens li huma ma ghandhom jaghtu l-ebda bilanc ghax-xoghlijiet ezegwiti mill-attur;

Konsegwentement tichad it-talba attrici bl-ispejjez kollha jithallsu mill-attur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------